

**ID-DEĊIŻJONI Nru 59/2018 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM TA' GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA****tal-5 ta' Ġunju 2018****relatata mal-elenkar ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness Settorjali għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika [2018/1055]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità taħt Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fl-Hemża A qed jiżdiedu mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika.
2. Il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-elenkar, fir-rigward ta' prodotti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità indikati fl-Hemża A, ġew miftiehma mill-Partijiet u se jinżammu minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati biex joperaw f'isem il-Partijiet għall-finijiet tal-emendar tal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva minn dakinhar tal-aħħar waħda minn dawn il-firem.

*Fisem l-Istati Uniti tal-Amerka*

James C. SANFORD

Iffirmata f'Washington DC, fit-30 ta' Mejju 2018

*Fisem l-Unjoni Ewropea*

Ignacio IRUARRIZAGA

Iffirmata fi Brussell, fil-5 ta' Ġunju 2018

HEMŻA A

**Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità tal-KE miżjuda mal-lista ta' Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika**

3c Test Ltd  
Silverstone Circuit  
Silverstone  
NN12 8GX  
UNITED KINGDOM

Nokia Solutions and Networks Oy  
Kaapelitie 4  
90620 Oulu  
FINLAND